KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

16 ta' Novembru 2009

**Minuti tas-Sitta u Tletin (36) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-Sitta u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2009 fil-5.30pm.**

Il-Hamsa u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana nzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u tar-Rapport Finanzjarju sal-30/06/09
5. Sotto kumitat ghall-Ambjent, Indafa u Infrastruttura
6. Kuntratt ta' Patching/Resurfacing
7. Ghazla tal-impjieg ta' skrivan/a part-time
8. Fanali ta' Pjazza San Publju (il-fosos)
9. Kantata: "Hodon Fjuri lil San Publju"
10. Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna
11. L-emendi tal-ligi fl-isem tal-lokalita'
12. L-Illitterizmu fil-Floriana
13. Websajt tal-Kunsill
14. Monument ta' Dante Alighieri
15. Kontessa Compagnoni Floriani: Cittadinanza Onorarja
16. Servizz tal-Park and Ride u CT Cabs fil-Floriana
17. Ghazla tal-offerti:
    - KLF /Q/16/09 Kiri u Stallazzjoni ta' dawl tat-triq dekorattiv tal-Milied
    - KLF /Q/17/09 Zamma u manutenzjoni ta' funtani tal-gonna
    - KLF /Q/18/09 Stampar ta' ktieb
    - KLF /Q/19/09 Provvista u twahhil ta' gradilji tal-hadid fi Triq San Publju
18. Relazzjonijiet mal-Pulizija
19. Ħwejjeġ oħra

Ghas-Sitta u Tletin (36) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Il-Kunsillier Brian Zammit talab li jkun skuzat.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-hamsa u tletin (35) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.4 Ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:
Favur: 3 (FD, ET, SSH )
Kontra: 0
Astensjonjiet: 1 (NH)

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kap tal-iskola Primarja fejn informa lill-Kunsill li l-iskola Primarja rebhet il-premju *Greenflag* mill-FEE and Nature Trust. Il-kap tal-iskola informa lill-Kunsill bl-istedina ghas-serata tal-ghoti tal-premjijiet li ser tittella' nhar l-Erbgha 11 ta' Novembru 2009. Il-Kap tal-iskola talab l-ghajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex jinxtraw brieret bil-logo *Floriana Primary* biex jinghataw lill-istudenti tal-iskola Primarja. Il-Kunsill approva.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Senior Citizens fejn talbu l-ghajnuna tal-Kunsill ghall-ispejjez li saru meta gew ospitati l-grupp t'anzjani minn Kercem. Il-Kunsill approva li izda ghandu jinforma lill-Floriana Senior Citizens li l-ghajnuna finanzjarja ghandha tintalab qabel l-avveniment u mhux wara.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Dione Borg, Floriana Football Club fejn talab laqgha mal-Kunsill dwar publikazzjoni ta' ktieb dwar l-istorja tal-klabb ta' Floriana. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mas-Sur Borg nhar il-Hamis 29 ta' Ottubru 2009 fis-18.00.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-RC Malta li qed joffru servizz ta' mikrocippi ghall-klieb b'xejn bl-ghajnuna tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ghandu jiltaqa' ma' din l-ghaqda biex jigi diskuss dan il-progett.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand ROCS Group fejn talbu permessi residenzjali biex ikunu jistghu jipparkjaw il-karozzi taghhom fil-Floriana kif ukoll 3 *reserved parking spaces*. Il-Kunsill irrefera ghall-policy tal-Kunsill fejn kull kumpanija irregistrata fil-Floriana hija intitolata ghal permess wiehed biss u f'kaz li hemm aktar minn kumpanija wahda registrata fuq l-istess indirizz xorta permess wiehed biss huwa intitolat .

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kumitat Olimpiku dwar l-iskema tal-*MOC Local Council Sports Award*. Il-Kunsill qabel biex bhal m'ghamel fis-snin precedenti, ghandu jaghmel rapport dwar l-attivitajiet sportivi li ttellghu matul is-sena u jipprezentah lill-Kumitat Olimpiku Malti.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand instructor tat-tennis biex jagheml korsijiet dwar il-Fitness Exercises on court. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera responsabbli mill-isport ghanda tiltaqa' mieghu biex dan jigi diskuss f'iktar dettal.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-VISET Malta fejn talbu assikurazzjoni li jkun hemm access ghall-Valletta Waterfront f'Lejliet l-ewwel tas-sena minhabba l-attivita' li ser tittella' mill-Kunsill dakinhar. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformahom bil-miktub li wara

laqghat mal-Pulizija, it-traffiku ser jigi devjat minn toroq ohra biex b'hekk xorta jkun hemm access ghall-Valletta Waterfront.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Inspire fejn talbu l-ghajnuna finanzjarja tal-Kunsill fi spejjez ta' trasport ghal studenti tal-Floriana Boys Secondary School. Il-Kunsill qabel li jghin sakemm it-tfal in kwistjoni huma mill-lokalita’ tal-Floriana. Il-Kunsill mhuwiex lest li jghin f’kaz li t-tfal jigu l-iskola fil-Floriana imma huma minn lokalitajiet ohrajn.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Future Focus fejn informaw lill-Kunsill li hemm kumpanija li qed tfittex gnien pubbliku biex jizraw xi hxejjex naturali ghal ragunijiet edukattivi u biex issir ricerka minn studenti barranin. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni biex din il-kumpanija taghmel uzu minn Gnien Sir Luigi Preziosi ghal dan il-ghan.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Sansone fejn talab permess biex jigbed xi xeni fi Pjazza San Publju. Il-Kunsill qabel dejjem jekk ma jkunx hemm oggezzjoni mill-Pulizija.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Pulizija fejn talbu li jsiru xi tabelli hdejn id-Depot li jippermettu parkegg fuq id-double yellow line minn vetturi tal-Pulizija f’kazijiet urgenti biss. Il-Kunsill approva u qabel ukoll li ghandu jinformahom bil-miktub li t-tabelli tal-iskema ta’ parkegg residenzjali li kienu ser jitwahhlu faccata tad-Depot ser jitwahhlu fil-granet li gejjin skont il-permess tal-ADT.

## 3.0 Mistoqsijiet lis sindku

3.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija lis-Sindku.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u tar-Rapport Finanzjarju sal-30/06/09

4.1 Is-Segretarju Ezekuttivipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **31/05 A-C**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, FD, ET, SSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 **Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Franco Davies, mill-Kunsillier Edward Torpiano u mis-Segretarju Ezekuttiv**.

F’dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsill irrisolva ruhu f’Kumitat tal-Finanzi fejn gie diskuss ir-rapport finanzjarju ghal perjodu ta’ tliet xhur li jaghlaq fit-30 ta’ Gunju 2009.

4.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, FD, ET, SSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

## 5.0 Sotto kumitat ghall-Ambjent, Indafa u Infrastruttura

5.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq nomina tas-Sur Julian Holland li xtaq jifforma parti mis-sotto-kumitat ghall-Ambjent, Indafa u Infrastruttura.

5.2 Il-Kunsill approva din in-nomina tas-Sur Julian Holland.

5.3 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Edward Torpiano biex bhala Segretarju tas-sotto-kumitat, fil-laqgha li jmiss tas-sotto-kumitat ghandu jressaq fuq l-agenda l-iskeda il-gdida ta' frekwenzi li ser tkun mal-kuntratt tat-tindif tat-toroq li ghad irid jigi ppubblikat.

## 6.0 Kuntratt ta' Patching/Resurfacing

6.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li x-xoghol ta' patching li talab il-Kunsill kien ghadu ma bediex minkejja li l-Kunsill kien informa lill-kuntrattur diversi drabi.

6.2 Minhabba l-urgenza tas-sitwazzjoni, il-Kunsill qabel li ghandu jara jekk il-kuntratt ghandux provvedimenti li jaghti dritt lill-Kunsill Lokali jittermina dan il-kuntratt minhabba dewmien fis-servizz min-naha tal-kuntrattur.

6.3 Sadattant, il-Kunsill qabel li f'kaz li l-kuntratt jippremetti li l-Kunsill jittermina l-kuntratt minhabba dewmien fl-ghoti tas-servizz, il-Kunsill ghandu jinforma lill-kuntrattur li jekk ix-xoghol pendenti ma jsirx fi zmien gimgha, il-Kunsill Lokali Floriana ser jitterminalu l-kuntratt.

6.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Gvern Centrali biex jaghmel xoghol ta' patching f'Xatt Lascaris minhabba l-Breast Screening Centre li ghadu kemm fetah biswit din it-triq li fiha qed jipparkjaw vetturi ta' pazjenti ta' dan ic-centru.

## 7.0 Ghazla tal-impjieg ta' skrivan/a part-time

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv f'isem il-Bord tal-Ghazla informa lill-Kunsill li l-process ghadu ghaddej minhabba li s'issa ghadu ma nstabx applikant addattat biex jimla' dan il-post vakant.

7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill is-sighat ta' hidma tat-telework tas-Sinjorina Fiona Said. Kopja tal-kuntratt jinsab anness ma' dawn il-minuti. Il-Kunsill approva.

## 8.0 Fanali ta' Pjazza San Publju (il-Fosos)

8.1 Is-Sindku Nigel Hoilland stieden lill-kunsilliera Sandra Sammut Hili biex tiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kienet hi li talbet biex din il-materja titpogga fuq l-agenda.

8.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li fil-laqgha li kellha ma' l-Enemalta, ghaddewlha suggeriment biex it-tliet fanali li hemm fuq il-Fosos jinqalghu u jitpoggew fi Triq Sant'Anna u minflok, il-Fosos jigu mdawwlin b'rifletturi li jarmu dawl hafna iktar qawwi minn dak prezenti.

8.3 Il-Kunsill ma qabilx mas-suggeriment izda minflok qabel unanimament li ghandu jigbor stima biex isiru fanali godda fuq il-Fosos.

8.4 Il-Kunsill qabel ukoll li fil-kaz li l-fanali tal-fosos ikunu ser jinbiddlu b'ohrajn godda, il-fanali prezenti ghandhom jinqalghu u jitpoggew fi Triq Sant'Anna.

## 9.0 Kantata: "Hodon Fjuri lil San Publju"

9.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Bord Editorjali tal-gazzetta "Il-Furjana" xtaqu jaghmlu recording professjonali fuq CD tal-kantata li ser jaghmlu b'kollaborazzjoin mal-Kunsill, liema recording ikun iffinanzjat mill-Kunsill.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland spjega li skond stima li pprezentawlu l-ispiza tammonta ghal madwar €6050 (exc. VAT). Din l-ispiza hija tar-recording u tal-kor u s-solisti izda ma tinkludix is-CDs li l-prezz ghalihom huwa ta' €4.60 għal kull CD. Il-propsota hija li l-Kunsill jiehu l-bejgh kollu ta' dawn is-CDs.

9.3 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li m'hemmx allokazzjoni finanzjarja ghal dan il-progett u li f'kaz li l-Kunsill ikun ser jaghmel dan il-progett ikun jehtieg li jinhargu talbiet ghall-kwotazzjonjiet jew offerti skond il-kaz. Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa biex ir-recording issir waqt l-attivita' u mhux isir recording separat fi studio biex il-Kunsill jiffranka l-ispejjez li jerga' jqabbad lill-kor.

9.4 Is-Sindku Nigel Holland spjega li f'dak il-kaz issir revizjoni tal-estimi finanzjarju u jalloka s-somma necessarja ghal dan il-progett filwaqt li skond l-offerti ma jarax problemi fil-kaz tar-recording ghalkemm dwar is-servizz tal-kor dan bilfors irid isir b'ordni diretta minhabba li l-kor huwa kor maghzul apposta li ilu ghaddej bir-*rehearsals* ghal din l-okkazzjoni. Is-Sindku sostna li recording johrog aktar professjonali meta dan isir fi studio milli jsir waqt il-kantata.

9.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel laqgha mal-organizzaturi u jsejjah laqgha straordinarja fil-gimghat li gejjin biex terga' tigi diskussa din il-materja minhabba l-urgenza taghha.

## 10.0 Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna

10.1 Is-Sindku Nigel Holland rrefera ghall-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-Fondi tal-Kawzi Gusti, fejn il-Kunsill kien ghadu qed jistenna risposta mill-Bord.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland sostna wkoll li l-Kunsill ghamel applikazzjoni taht l-iskema tal-attivitajiet Kulturali mnedija mis-Segretarjat Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku, liema skema tista' talloka l-massimu ta' €10,000.

10.3 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog sejha ta'esklussivita' ghal min jixtieq jaghti servizz ta' catering f'dan l-avveniment.

10.4 Il-Kunsill iddecieda li ghandu jsejjah laqgha tas-Sottokumitat Organizzattiv tac-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena nhar il-Gimgha 30 t'Ottubru 2009 fis-18.00.

## 11.0 L-emendi tal-ligi fl-isem tal-lokalita'

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-emendi li ghamel il-Gvern fl-isem tal-lokalitajiet.

11.2 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li staghgeb kif il-Gvern Centrali qatt ma kkonsulta mal-Gvern lokali dwar dan il-fattur daqshekk importanti ghal-lokalita', ghallinqas f'dak li jirrigwardja l-bdil

ta' isem "Floriana" ghal "Il-Furjana"..

11.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien ikkuntattja lis-Segretarju Parlamentari Chris Said li accertah li fit-test ingliz, l-isem tal-lokalita' kellu jibqa' "Floriana". Zied jghidlu wkoll li f'kaz li dan kien zball, kien ser jaghmel emenda tal-ligi b'avviz legali.

11.4 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jsejjah laqgha pubblika dwar dan is-suggett nhar it-Tnejn 2 ta' Novembru 2009 biex jevalwa l-opinjoni tal-poplu furjaniz dwar din il-kwistjoni.

## 12.0 L-Illitterizmu fil-Floriana

12.1 Is-Sindku Nigel Holland rrefera ghall-istatistika mahruga mill-Ufficcju Nazzjonali tal-Istatistika li tindika li l-lokalita tal-Floriana hija l-erbatax-il lokalita' mill-ahhar fl-illitterizmu f'Malta.

12.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat cirkolari lir-residenti biex jinformahom b'din is-sitwazzjoni u biex b'hekk johloq ukoll kuxjenza u gharfien fuq is-sitwazzjoni, dan specjalment wara li ghal korsijiet bazici fil-lingwa maltija u ingliza applikat persuna wahda biss.

## 13.0 Websajt tal-Kunsill

13.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bis-sitwazzjoni fejn il-Kunsill ghandu sit li ghandu xi problemi teknici li mhux qed jippremetti li jsiru aggornamenti.

13.2 Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li l-kumpanija li ghamlet il-websajt m'ghadhiex tezisti u li l-persuni li kienu responsabbli mid-design huma intraccabbli. Is-Segretarju Ezekuttiv kompla jghid li huwa ipprova jqabbad lil tekniku iehor biex jara jekk jistax isalva din il-websajt u jaghmilha aggornabbli izda r-risposta kienet li hemm bzonn li din il-websajt tinbena mill-gdid..

13.3 Il-Kunsill qabel li jipprova iqabbad lil terza persuna espert fil-qasam biex jara jekk hux possibli li l-Kunsill jaggorna l-websajt u f'kaz li dan ma jkunx possibli, il-Kunsill ghandu johrog sejha biex terga' tinbena websajt tal-Kunsill gdida.

## 14.0 Monument ta' Dante Alighieri

14.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li minkejja li dan il-monument ma jaqax taht il-kompetenza tal-Kunsill, il-Kunsill ha hsieb li dan il-monument ikun imdawwal hafna ahjar minn kif kien qabel.

**Nota: Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

14.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies gibed l-attenzjoni li dan il-monument jehtieg restawr u li l-Kunsill ghandu javvicina lill-Ambaxxata Taljana biex tghin fir-restawr ta' dan il-monument.

**Nota: Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

14.3 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Edward Torpiano ghandu jressaq dan is-suggeriment fil-laqgha li jmiss tal-Kumitat tal-VFRP.

14.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies semma' wkoll li l-grada ta' quddiem il-monument qeghda fi stat hazin hafna. Il-Kunsill qabel unanimament biex il-Kunsill iressaq talba lill-awtoritajiet governattivi peress li din taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Gvern Centrali.

14.5 Ghalhekk il-Kunsill qabel nem.con li ghandu johrog stqarrija stampa dwar l-istat ta' dan il-monument.

## 15.0 Kontessa Compagnoni Floriani: Cittadinanza Onorarja

15.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Vici-Sindku Franco Davies biex jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kien hu li talab biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill.

15.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies ippropna biex il-Kunsill jaghti cittadinanza onorarja lid-dixxindenti ta' Pietro Paolo Floriani, jigifieri lill-Kontessa Compagnoni Floriani.

15.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li huwa jaqbel mal-proposta tal-Vici-Sindku imma jhoss li l-istess ghandu jinghata lis-Sindku ta' Macerata, l-Inginier Giorgio Meschini.

15.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondata mis-Sindku Nigel Holland tressqet mozzjoni biex "*Il-Kunsill Lokali Floriana jonora lill-Kontessa Compagnoni Floriani u lil Giorgio Meshini bic-cittadinanza onorarja tal-lokalita'*", bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, ET, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

15.5 Il-Kunsill iddecieda biex c-cerimonja ta' din l-ghotja ghandha ssir waqt ir-reciviment annwali tat-21 ta' Jannar u li ovvjament il-Kunsill ghandu jipprovdi akkomodazzjoni lil dawn iz-zewg persuni ghal zewgt'iljieli.

## 16.0 Servizz tal-Park and Ride u CT Cabs fil-Floriana

16.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Vici-Sindku Franco Davies biex jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kien hu li talab biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill.

16.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li huwa ltaqa' mal-operaturi tas-CT cabs u sar jaf bi pjanijiet biex jkun hemm stop hdejn ic-Centru tas-Sahha imma jidher li hemm xi oppozizzjoni mill-Awtorita' dwar it-Trasport. Il-Kunsill qabel nem.con biex jikteb lill-Awtorita' dwar it-Trasport biex taghti l-licenzja lill-operatur biex ikun jista' jaghti servizz fil-Floriana, preferibilment sa hdejn ic-Centru tas-Sahha u l-kwartieri Generali tal-Pulizija.

16.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies kompla li l-ADT mhux qed tipprovdi servizz tal-park and ride sal-Floriana. Is-Sindku Nigel Holland sostna li l-ADT kienet tat kelma li dan is-servizz kellu jaqdi wkoll lil min ried jieqaf il-Floriana u ghaldaqstant il-Kunsill ghandu jikteb lill-ADT u jesigi maghhom biex s-servizz ghandu jinghata fil-Floriana.

## 17.0 Ghazla tal-offerti:

Il-Kunsill Lokali rrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fejn iddiskuta l-offerti mitfugha skond l-iskedi rispettivi annessi. Il-kaxxa tal-offerti giet miftuha mis-Segretarju Ezekuttiv u fil-prezenza tas-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, Edward Torpiano.

### 17.1 KLF/Q/16/09 Kiri u Stallazzjoni ta' dawl tat-triq dekorattiv fil-Milied

17.1.1 Il-Kunsill qabel unanimament li tintaghzel il-kwotazzjoni tas-Sur Joseph Abela bil-prezz ta' €2950 skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti, peress li hija l-orhos offerta u biex ikun hemm kambjament mis-snin ta' qabel, u dan sakemm id-dimensjonijiet tal-materjal tad-dawl huwa ghas-sodisfazzjon tal-Kunsill.

17.1.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, tressqet mozzjoni favur materja 17.1.2, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**17.2 KLF/Q/17/09 Zamma u manutenzjoni ta' funtani tal-gonna**

17.2.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, tressqet mozzjoni biex tintghazel l-unika offerta mitfugha jigifieri dik minn Joseph Cutajar, wara li il-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti irrakkomanda l-ghazla ghaliex sostna li l-kuntrattur huwa persuna affidabbli u responsabbli, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**17.3 KLF/Q/18/09 Stampar ta' ktieb**

17.3.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, tressqet mozzjoni biex tintaghzel il-kwotazzjoni ta' Bonnici Press wara li l-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti irrakkomanda din l-ghazla peress li kienet l-orhos offerta u peress li l-kuntrattur diga ghamel xoghol ghal Kunsill li dejjem kien eccellenti, u dan sakemm l-awtur tal-ktieb ikun ikkonferma l-ispecifikazzjonijiet, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**17.4 KLF/Q/19/09 Provvista u twahhil ta' gradilji tal-hadid fi Triq San Publju**

17.4.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, tressqet mozzjoni biex il-Kunsill jaghzel l-kwotazzjoni ta' Stainless Structures Ltd. fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, FD, SSH, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 18.0 Relazzjonijiet mal-Pulizija

18.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-laqgha li saret nhar il-Gimgha flimkien mas-Supretendent Mamo dwar il-vandalizmu kontinwu li qed isir fil-Floriana.

18.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel ukoll riferenza ghall-kaz li kien hemm xi ftit tal-gimghat ilu fejn il-haddiema tal-Kunsill gew moghtija istruzzjonijiet mill-Pulizija biex jigbru xi siringi minn mal-art u jiehdu l-bin l-isptar Boffa fuq struzzjonijiet minn Surgent tal-Pulizija, li izda min-naha tas-Supritendent tal-Isptar ma accettax li dawn is-siringi jidhlu fl-iSptar.

18.3 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill ghandu jikkuntesta mal-Ministeru tas-Sahha dwar id-distribuzzjoni tas-siringi mill-Polyclinic tal-Floriana li tammonta ghal madwar 50,000 siringa fis-sena meta l-popolazzjoni Furjaniza tammonta ghal 2500 persuna biss.

18.4 Dan il-fatt qed iservi biex il-Floriana qed tkun mimlija siringi b'mod kostanti. Is-siringi qeghdin jinstabu kemm fil-bandli, fis-subways u sahansitra anke fit-toroq, bil-konsegwenza li r-residenti Furjanizi qed ikunu f'riskju ta' mard kbir minhabba li dawn is-siringi jafu jkunu nfettati.

18.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntesta dan kollu mal-Ministeru tas-Sahha.

## 19.0 Ħwejjeġ oħra

19.1 Hadd mill-Kunsilliera ma ressaq hwejjeg ohra x'jigu diskussi taht din il-materja.

Il-laqgha ntemment fid-20.55.

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv